# Minuti tat-48 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

It-48 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' Novembru, 2013.

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba.

Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista ippresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u l-membri s-Sinjuri Mario Bartolo u Luciano Farrugia.

Il-Viċi *Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Simon Vella kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-47 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bartolo rrefera għax-xogħol li mistenni jsir fi Triq Patri Feliċjan Grech u qal li ma jħossx li kien xieraq illi s-Sindku jibgħat personalment ittra lir-residenti ta' din it-triq li tagħmel parti mill-konfini tal-Kumitat Amministrattiv u jinfurmahom li ser issir it-triq mingħajr ma jkun hemm konsultazzjoni maċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv. Iċ-*Chairperson* qalet li lanqas hi ma kienet taf bl-ittra tas-Sindku. Is-Sur Bartolo qal li hu kien sar jaf għax kien ġie avviċinat minn resident li staqsa meta ser jibda x-xogħol u x'ser isir.

Item 4 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħuta mill-Perit William Lewis dwar ix-xogħol ta' bankini li mistenni jsir fi Triq San Leonardu. Skont ir-rati tal-kuntratt li l-Kunsill għandu, l-ispiża biex issir il-bankina ta' maġenb ir-*roundabout* fi Triq San Leonardu mistennija tkun ta' madwar €2,923 filwaqt li l-bankina fi Triq San Leonardu li tibqa sejra sal-Kalkara ser tiġi tiswa €3,786.96.

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo l-Kumitat qabel unanimament li ssir il-bankina ta' maġenb ir-*roundabout* skont ir-rati tal-kuntratt filwaqt li l-Kunsill jintalab jipprovdi l-ħaddiema assenjati biex issir il-bankina ta' Triq San Leonardu li tmiss mal-konfini tal-Kalkara.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu Lulju – Settembru 2013

Is-Segretajru Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat Amministrattiv ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu Lulju – Settembru 2013. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Iċ-*Chairperson* semmiet il-ħtieġa li jinżabru s-siġar li hemm maġenb il-*pitch* tal-boċċi fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Bartolo ippropona li ssir *road hump* ftit 'l isfel miz-*zebra crossing* fi Triq San Leonardu u li ssir *road hump* oħra int u ħiereġ minn Triq il-Marżebb għal Triq San Leonardu. Is-Sur Farrugia issekonda lis-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li ssir talba għall-approvazzjoni.

Is-Sinjura Debattista talbet li jsiru *parking bays* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u jinżebgħu linji sofor fit-triq.

Is-Sur Farrugia lmenta dwar in-nuqqas ta' ndafa fi Triq iż-Żagħrun u ċ-*Chairperson* talbet li tinkines aktar regolarment Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Farrugia talab li jsir *stop sign* fi Triq il-Berebis u fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sur Farrugia talab ukoll li jiġu rranġati l-bozoz tal-globi tal-bandli peress li dawn m'għadhomx jixgħelu.

Iċ-*Chairperson* qalet li fi Triq il-Farfett tal-Fejġel jidher li hemm xi ħsarat fis-sistema tad-drenaġġ.

Is-Sur Bartolo talab li jingħata rendikont tal-ispiża li saret biex saru s-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Marżebb.

Is-Sur Bartolo talab li jinstab rimedju biex il-*bus shelter* ta' Triq il-Marżebb ma tibqgħax tkun ta' tfixkil għal-viżibilta` tas-sewwieqa.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fid-49 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2013.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*